



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12760/23

SOC 589
EMPL 423
SAN 503

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għar-Rumanija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għar-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tal-impjegati u ta' min iħaddem,

Wara li kkunsidra l-lista tal-membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol,

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2023¹, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-EU-OSHA għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.
- (2) L-organizzazzjoni tal-impjegati ETUC ippreżentat proposti oħra għaż-żewġ postijiet li għandhom jimtlew għar-Rumanija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2023 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) (ĠU C 116, 31.3.2023, p. 19).

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin għandhom jinħatru membru u membru supplenti, rispettivament, tal-Bord tat-Tmexxija tal-EU-OSHA għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027:

RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-ĦADDIEMA

Stat Membru	Membru	Membru supplenti
Rumanija	Is-Sur Nicolae BĂICAN	Is-Sur Dan NĂSTASE

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jaħtar lill-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
